**61. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI TA' UŻU TAL-ISKOLA TAL-WARDIJA LILL-UNIVERSITÀ AMERIKANA TAL-KAJR

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta sejjer jidħol fi ftehim mal-Università Amerikana tal-Kajr dwar it-twaqqif f'Malta ta' programmi ta' taħriġ bħala estensjoni ta' dik l-Università bil-ħsieb li 'l quddiem dawn l-attivitajiet jikbru, u, għal dan l-għan, ftiehem li jikri lill-istess Università Amerikana tal-Kajr l-iskola tal-Wardija bħala parti mill-ftehim li abbozz tiegħu qed jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub li l-istess skola tingħata b'użu għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976, dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi, sew jekk l-Att fuq imsemmi jkun ġie fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment sew jekk le, huwa xieraq li t-trasferiment tal-iskola fuq imsemmija jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-iskola tal-Wardija fuq imsemmija tista' tiġi trasferita b'titolu ta' kera, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lill-Università Amerikana tal-Kajr.

24.06.1977